MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 120/2005

Kawza fil-lista:  49

**A B**
**vs**
**C D f' isimha proprju u bhala kuratrici 'ad litem' tal-minuri E D; l-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti F D; id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi fl-14 ta' Settembru 1990 fis-sitta neqsin hamsa ta' filghaxija (5.55pm) twieled fl-Isptar San Luqa, il-

Pieta', il-minuri E D kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness Numru ta' Iskrizzjoni 4495/1990 (Dok. A);

Premess illi fl-imsemmi certifikat hemm dikjarat li missier il-minuri E D huwa l-konvenut F D u ommu hija l-konvenuta l-ohra C D mart l-istess F D;

Premess illi l-konvenuta C D kienet, fiz-zmien qabel it-twelid tal-imsemmi E D, emottivament u fizikament imbieghda mir-ragel taghha l-konvenut F D, tant li spiccaw biex isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor F Felice tal-23 ta' Marzu 1992 (Dok. B);

Premess li l-minuri E D twieled mir-relazzjoni li l-attur kellu ma' ommu l-konvenuta C D;

Premess li l-attur huwa l-missier naturali u bijologiku ta' E D u ghalhekk l-istess minuri m' ghandux stat konformi ma' l-att tat-twelid fuq imsemmi;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut F D mhux il-missier naturali tal-minuri E D;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur huwa l-missier naturali u bijologiku tal-imsemmi minuri E D;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi billi tordna li:
(a) fil-kolonna "Isem u Kunjom", il-kliem "F D" jigu sostitwiti bil-kliem "A B";
(b) fil-kolonna "Professjoni, sengha jew stat iehor", il-kliem "Waiter" jigu sostitwiti bil-kliem "Restaurant Owner";
(c) fil-kolonna "Eta'", in-numru "32" jigi sostitwit bin-numru "51";
(d) fil-kolonna "Fejn Twieldu", il-kelma "Qormi" tigi sostitwita bil-kelma "Mosta";

(e) fil-kolonna “Isem u Kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet”, il-kliem “Emanuel D alive” jigu sostitwiti bil-kliem “Moses B alive”.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu imharrka ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi huma m’ humiex edotti mill-fatti u jirriservaw id-dritt li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom motivati f’ stadju ulterjuri.

Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, l-interessi tal-minuri E D ghandhom ikunu rapprezentati minn kuraturi deputati stante illi jista’ jkun hemm kunflitt ta’ interess.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur A B ghandu jindika fejn jirrisjedi biex jekk it-talbiet attrici jigu milqugha, dan id-dettal ikun jista’ jigi inserit fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni. Inoltre, jehtieg ukoll illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu l-kliem “the said” ghandhom jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat li l-konvenuta C D debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci, kemm f' ismha proprju kif ukoll f' isem il-minuri E D;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-Avviz ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li [1] il-konvenut F D, assenti, mhuwiex il-missier naturali tat-tifel E D li twieled fl-14 ta' Settembru 1990; u [2] li l- attur huwa l-missier naturali u bijologiku ta' l-istess minuri; konsegwenzjalment qed jitlob id-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmi E D,

**Kwadru tal-fatti.**

Illi f' dawn il-proceduri l-attur pprezenta l-affidavit tieghu, u xehed[1] ukoll fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2007 quddiem l-Assistant Gudizzjarju; huwa pprezenta wkoll l-affidavit[2] tal-konvenut F D.

Il-konvenuta C D, omm it-tarbija, ma xeheditx u lanqas gie prezentat affidavit taghha.

Mill-provi jirrizulta li fl-14 ta' Settembru 1990 il-konvenuta C D welldet tarbija tas-sess maskili bl-isem 'E' li fuq l-Att tat-Twelid tieghu gie registrat bhala l-wild legali tal-konvenut F D. Inoltre, fil-kuntratt[3] ta' separazzjoni konsenswali ffirmat mill-konvenuti C u F, konjugi D, gie miftiehem u dikjarat li l-istess C D giet fdata bil-kura u

[1] Fol.46
[2] Fol.38
[3] Fol.6

kustodja ta' "uliedhom" indikati fl-istess att, fosthom it-tifel 'E'.

Illi fl-affidavit tieghu l-attur jghid inter alia li meta l-konvenuta C D kienet ghadha tghix il-Mosta hija kellha relazzjoni ma' l-attur u fl-14 ta' Settembru 1990 twieldet it-tarbija. Fi kliemu: "Dak iz-zmien, ommu [C D] kienet ghadha tghix il-Mosta…… Minhabba li l-konvenut F D kien ghadu jghix fl-istess dar fejn kienet toqghod C, li E kien mar jirregistrah hu fl-Insinwa."[4] Kien "Ghal habta ta' Marzu 1990, jien u omm it-tifel konna krejna flat u morna noqghodu flimkien."

Minn naha tieghu l-konvenut F D jghid fl-affidavit tieghu li "jiena kont ili ma nabita u nghix ma' C ghal aktar minn sena qabel ma twieled E."[5]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda mista, fis-sens li fl-ewwel talba l-attur qed jattakka l-legittimita' tat-tifel, u dan in bazi ta' l-artikolu 77 tal-Kap.16; filwaqt li fit-tieni talba huwa qed jirriklama l-paternita' ta' l-istess minuri, u dan in bazi ghad-disposizzjonijiet ekenkati that is-Sub Titolu II intestat "Fuq il-Provi Tal-Filjazzjoni Ta' L-Ulied Legittimi"

Illi kif assodat fil-gurisprudenza nostrana, l-ewwel azzjoni tispetta lil "kull min ikollu interess"; filwaqt li t-tieni azzjoni, tispetta biss u unikament lit-tifel. Ghalhekk, filwaqt li fl-ewwel azzjoni t-tifel ghandu jkun konvenut, fit-tieni azzjoni jehtieg li jkun attur. [*App.C.Raymond Magro vs Rita Magro – 13.10.2005; App. Dennis Thompson vs Therese Spiteri – 31.10.2007 App. Marco Vella vs Paulince Cassar – 25.05.2007; App. C Zammit vs Wail Dadouch – 19.04.2005]*

Ghaldaqstant, filwaqt li l-azzjoni odjerna in kwantu bazata fuq l-ewwel talba hija proposta korrettament fit-termini tal-ligi, l-azzjoni in kwantu bazata fuq it-tieni talba hija

---

[4] Fols.9 u 10 - sottolinear tal-Qorti
[5] Fol.38

procedurlament ivvizjata in kwantu l-wild qed jidher bhala konvenut u mhux bhala attur; tali vizzju jolqot l-essenza ta' l-azzjoni b' mod li jgib fix-xejn l-istess azzjoni.

Illi riferibbilment ghall-ewwel talba, bazata fuq id-dispost ta' l-artikolu 77 tal-Kap.16, il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax sodisfacentement li fil-perijodu indikat fl-istess artikoli l-konjugi D kienu "fl-impossibilita' fisika" li jghamru flimkien. Dak li tirrikjedi l-ligi, fid-dawl tal-gurisprudenza nterpretattiva, huwa l-impossibilita' fizika li tkun **assoluta u materjali,** u mhux biss semplici impossibilita' morali; impossibilita' fizika, materjali u assoluta, li minnha titnissel ic-certezza li kien affattu impossibbli ghall-partijiet li jiltaqghu.

Fil-kaz in disamina, apparti mill-fatt li l-konvenuta C D ma xeheditx, ma giex provat li fil-perijodu ndikat fl-artikolu 77 l-konjugi D kienu fl-impossibilita' fisika, materjali u assoluta, li jghamru flimkien; u ghalhekk dan ir-rekwizit essenzjali sabiex tirnexxi l-azzjoni odjerna jirrizulta mankanti. Ghaldaqstant l-ewwel talba ma tistax treggi.

Illi rigward it-tieni talba, kif gja osservat il-Qorti, l-azzjoni kif proposta hija rritwali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi: [1] tichad l-ewwel talba; [2] tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju dwar it-tieni talba; [3] tichad it-tielet talba. L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------